Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 357/2011AE

**Kevin Micallef**

**Vs**

**Gasan Mamo Insurance Ltd u Bianca Rizzo**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016.

Il-kawza hi dwar incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Marzu 2011 fin-Naxxar. L-attur harrek lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghad-danni li sofra fil-vettura Mercedes bin-numru ABS 282.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti taqra:-

*"Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ratione materiae billi din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku u li ghalhekk tali azzjoni kellha tigi proposta fic-Centru Malti tal-Arbitragg u dana b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tar-Raba (4) Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta".*

B'sentenza tal-14 ta' Novembru 2012 l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjoni.

L-attur appella. L-aggravji huma:-

1. Dik il-parti tal-ligi li titratta arbitraggi mandatorji m'ghadhiex fis-sehh in vista ta' diversi sentenzi li nghataw mill-qrati fis-sede kostituzzjonali.
2. Il-kawza in kwistjoni qatt ma kienet tehtieg decizjoni dwar min kellu tort fl-incident, izda kellha tiddeciedi biss dwar l-ammont dovut.

Fis-sentenza, l-ewwel qorti qalet:

*"Il-Fourth Schedule dwar Mandatory Arbitration fil-parti A Artikolu 1.2 jipprovdi s-segwenti:*

***<u>'Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur'.</u>***

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghad-danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*A. kollizjoni bejn vetturi, jew*
*B. hsara nvolontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi,jew"*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi sub inciz (a), jirrizulta bic-car b'mod manifest, li l-legislatur ried ab initio, li kull tilwima bejn vettura w ohra tigi trattata minn arbitragg u mhux gewwa Qorti. Dwar it-tifsira ta' vettura, il-Qorti taghmel referenza ghat-tifsira moghtija fil-prejambolu tal-Kapitolu 104 intitolat 'Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni' li jghid li vettura tal-mutur tfisser:*

*"Vettura mmexxija b'makna u qieghda jew tajba ghall-uzu fit-toroq, izda ma tikkomprendix steam traction engine jew steam trailer."*

*Jinghad li tali procedimenti ta' indoli koercitiva ghandha tinghata interpretazzjoni ristrettissima, u dan ghaliex l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni.*

*Din il-Qorti ma tistax tinjora il-volonta' superjuri tal-Poter Legislattiv kif espress bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess. Sakemm tibqa' in vigore tali ligi, il-Qorti hija marbuta li tapplikaha.*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz".*

Mir-road accident report (fol. 16) jirrizulta li dan kien kaz ta' vettura (BEE 247) li habtet fil-vettura tal-attur. Ix-xufier tal-vettura BEE 247 hi:

*"Was proceeding through Triq M. Murray, Naxxar towards Iklin when a cat crossed the road. She applied the brakes in order to avoid hitting the cat and consequently her vehicle skidded causing her to lose control of same, mounted a central strip, hit a traffic sign and ended up in the service road, dashing into parked van reg. no ABS 282 which was parked".*

Il-qorti tosserva:-

1. Ghalkemm fir-rigward tal-ewwel aggravju l-attur ghamel riferenza ghas-sentenza tal'Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), **Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef et**, dik is-sentenza gie revokata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-25 ta' Jannar 2013[1], fejn gie deciz li:-

   *".....il-proċeduri ta' arbitraġġ obbligatorju fl-ismijiet premessi mmexxija taħt l-Avviż Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Att dwar Arbitraġġ [Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta] ma jmorrux kontra d-dispożizzjonijet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Tordna ill il-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Appell biex jitkompla s-smigħ".*

[1] Ara wkoll sentenza tal-istess qorti, **Joseph Muscat vs Prim'Ministru et** tas-6 ta' Settembru 2010 fejn gie ddikjarat li t-Tribunal ta' Arbitraggi ghandu jitqies bhala tribunal imparzjali ghal dak li tghid u trid il-ligi. F'dan il-kaz ukoll it-tilwima kienet tittratta incident tat-traffiku.

2. Fil-meritu l-konvenuti qeghdin jikkontestaw ir-responsabbilta' (ara tieni eccezzjoni[2]). Mela kuntrarjament ghat-tezi tal-attur, irid jigi determinat jekk il-konvenuta kinitx responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Inoltre, il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni fl-eventwalita' li l-konvenut jammetti t-tort.

3. Din il-qorti taqbel perfettament mal-mod kif l-ewwel qorti applikat il-ligi. Rilevanti hu wkoll dak deciz minn din il-qorti[3] fis-sentenza **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited**, 23 ta' Ottubru 2009.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[2] *"Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi dan l-incident ma garax tort u htija tal-esponenti Bianca Rizzo, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza"* (fol. 5).
[3] Imhallef P. Sciberras.